# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001**

**Numru 2**

**Avviz Nru. 13/00**

**John Attard**

**vs**

**Charles Agius**

Il-Qorti,

Dan hu appell minn decizjoni tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Ghawdex moghtija fl-14 ta' Novembru, 2000, liema decizjoni taqra kif gej:-

> "Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 t'April, 2000 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-konvenut is-somma ta' Lm250 dovuti minnu bhala danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Frar 2000 bejn vetturi misjuqa mill-partijiet kontendenti bl-

izpejjez inkluzi ta' l-ittra ufficcjali tas-17 ta' Marzu 2000 u dik mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet skond il-ligi;

Ra r-risposta u l-kontro-talba tal-konvenut, sema' l-provi prodotti miz-zewg partijiet kontendenti kif ukoll it-trattazzjoni orali tad-difensuri taghhom;

Ikkunsidra:

Illi l-incident sehh fl-inkrocju (T-Junction) bejn Triq Borg Olivier u Triq l-Arcisqof Pietru Pace gewwa Victoria, Ghawdex.

Illi l-partijiet jaqblu illi meta sehhet il-kollizjoni, il-konvenut kien nizel fuq sajdu tul it-triq Arcisqof Pietru Pace mid-direzzjoni tal-Isptar Generali ta' Ghawdex u kiser il-kantuniera biex jidhol fi Triq Borg Olivier; filwaqt illi l-attur kien tela' fuq sajdu tul Arcisqof Pietru Pace Street u kiser ghall-istess Triq Borg Olivier u jaqblu wkoll mal-iskizz tal-incident esibit.

Illi l-attur xehed li l-konvenut ma xeghelx l-*indicator*, li l-ewwel darba li rah kien bejn wiehed u iehor fejn hemm karozza indikata b'cirku fir-ritratt a fol 8 u cioe' ferm qabel ma l-konvenut kiser ghal Triq Borg Olivier. L-attur jghid li ma jafx b'liema velocita' kien gej il-konvenut, imma li kkalkula tajjeb li seta' jiskapulah tant li qasam il-karreggjata tal-istess konvenut fi Triq Mons Pietru Pace, gie mas-central strip u waqt li kien qed jipprocedi, f'daqqa wahda l-konvenut kiser ghal Triq Borg Olivier u habat fih. Qabel qasam ghall-karreggjata tal-konvenut, l-attur qal: *isslowjajt ghal kollox* u li inizjalment il-konvenut kien qed isuq kwazi bl-istess velocita' tieghu (b'kontradizzjoni ma' dak li l-attur qal ftit qabel fis-sens li ma kienx jaf b'liema velocita' kien miexi l-konvenut). Izda l-attur ikompli jghid li mal-kantuniera l-konvenut naqqas il-velocita' u ha d-dawra fil-wisa', u habat mieghu.

Illi l-attur qal li l-konvenut ma xeghelx indicator filwaqt li l-konvenut ma setax jikkonferma ghamilx *indicator*; il-konvenut qal li kien qed isuq bejn hmistax u ghoxrin kilometru fis-siegha; li lill-attur ma rahx qabel il-habta u li wara l-habta l-vettura tal-attur baqghet miexja minkejja il-habta u minkejja li ghafas il-brejks.

Illi l-konvenut certament kien miexi bil-mod u cioe' bil- velocita' li semma fix-xhieda tieghu billi difficlu tikser il-liwja akuta ta' bejn iz-zewg toroq imsemmija – li tirrikjedi speci ta' U-turn u dan ghan-nizla bi *gradient* qawwi – bi speed ikbar minghajr ma

tinqaleb, u barra min hekk kieku kien miexi bi speed ikbar il-hsara li garrab kienet tkun ta' entita ferm iktar kbira minn Lm80. dan hu kkorroborat ukoll mill-fatt li l-konvenut ma zammx brejks hlief meta sehhet il-habta u l-karozza waqfet *on the spot.*

Illi min-naha l-ohra, l-attur jammetti li ma waqafx (difatti jghid li naqqas sostanzjalment il-velocita') minkejja li kif xehdet WPS Josephine Camilleri (Nru 160) hemm give-way sign favur min ikun niezel minn Triq Mons Pietru Pace u minkejja li skond il-Highway Code, paragrafu 89:

*When waiting for other traffic at junctions, take up a position where your vehicle will not block other streams of trafic and, where waiting lines are provided, stop within such lines.*

Illi fil-fatt hemm tali *waiting lines* fin-nofs tat-Triq Arcisqof Pietru Pace. L-attur ghalhekk certament kellu l-obbligu illi jieqaf qabel jipprocedi biex jaqsam il-karreggjata opposta ta' Triq Arcisqof Pace u jidhol fi Triq Borg Olivier. Izda skond l-istess attur, huwa ghamel il-kalkoli tieghu u fil-fatt skapula lill-konvenut tant li lahaq dahal fi Triq Borg Olivier; skond hu kien il-konvenut li allura habat gewwa fih (wara li, dejjem skond l-attur, il-konvenut kiser ghal Triq Borg Olivier wara li dahal fiha l-attur) u dan billi minkejja li jistghu jghaddu zewg karozzi hdejn xulxin fl-istess direzzjoni, il-konvenut xorta wahda dahal fil-karreggjata tal-attur.

Illi din it-tezi tal-attur ma tistax tigi accettata billi galadarba l-konvenut kien miexi bi speed ta' bejn il-15 u l-20 kilometru fis-siegha, filwaqt li l-attur kien miexi bi speed ta' mill-inqas 45 kilometru fis-siegha (skond kif jirrizulta mill-brake marks tal-vettura tal-attur) ma kienx il-konvenut li dahal fuq l-attur; imma ghall-kuntrajru kien l-attur li dahal fuq il-konvenut. Il-konvenut kien diga' lahaq dar ghal Triq Borg Olivier, u l-attur seta jarah facilment billi kien fuq il-karreggjata ta' gewwa ta' Triq Arcisqof Pace ghaddej (ex admissis) b'velocita' oghla minn 45 kilometri fis-siegha qabel kiser ghal fuq il-karreggjata gia okkupata mill-konvenut (li allura kien quddiem l-attur) u baqa' diehed go Triq Borg Olivier u wkoll gol-vettura tal-konvenut. U difatti l-habta saret bejn il-kantuniera ta' quddiem tal-vettura tal-konvenut u l-kantuniera tax-xellug tal-vettura tal-attur, li mbghad baqghet miexja 'l quddiem xi ftit wara l-habta. Dan jispjega ukoll kif il-konvenut ma rax lill-attur qabel il-habta. Minhabba l-istess dinamika tal-incident l-anqas tista' titwemmen ix-xhieda tal-attur li lill-konvenut rah x'hin kien ghadu 'l fuq fi Triq Arcisqof Pace. Illi anke jekk il-konvenut ma xeghelx indicator, u anke jekk dan mar fuq in-naha ta' fejn kien ghaddej l-attur, huwa ma jahti xejn

ghall-incident li gara unikament minhabba n-negligenza ta' l-attur li ghogbu jaqsam karreggjata u jdur minn Triq ghal ohra bi speed qawwi minkejja li ra l-manuvra li kien qed jaghmel il-konvenut u minkejja li l-attur kien messu waqaf fil-*waiting lines.* Kieku tabilhaqq l-attur fil-*waiting lines* li hemm fin-nofs ta' Triq Arcisqof Pace *isslowja ghal kollox (ara fol 10 tal-process)* kien tabilhaqq jibbrejkja ferm qabel ma seta' jolqot lill-konvenut, u kien ikun impossibbli li f'distanza ta' 27 metru mill-give-way sign sal-*ispot impact* itella' l-velocita' minn kwazi zero ghal 45 kilometru fis-siegha.

Ghall-dawn il-motivi, it-Tribunal iddecieda illi:

1. Jichad it-talba tal-attur;

2. Jilqa' l-kontro-talba tal-konvenut

3. Jikkundanna lill-attur ihallas lill-istess konvenut is-somma ta' tmenin lira (Lm80) dovuta ghar-ragunijiet premessi, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-attur".

Minn dik is-sentenza appella l-attur John Attard permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fit-30 ta' Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell tieghu, tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tieghu u tichad il-kontro-talba tal-konvenut bl-ispejjez kontra l-istess appellat. Il-konvenut appellat ipprezenta risposta fit-28 ta' Dicembru, 2000, li biha ssottometta illi l-appell ghandu jigi respint u s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Fil-maggor part tieghu l-appell ta' l-attur huwa impernjat fuq is-sottomissjoni li f'nofs il-proceduri quddiem it-Tribunal tbiddel il-gudikant

fis-sens illi l-ewwel wiehed kien lahaq sema' xi xhieda viva voce ta' l-attur, mentri t-tieni gudikant, li effettivament imbaghad ippronunzja d-decizjoni appellata, sema' xi xhieda ohra, inkluza dik tal-konvenut, pero' ma semghax mill-gdid ix-xhieda ta' l-attur u ghalhekk l-appellant qed isib oggezzjoni.

Infatti l-ewwel aggravju tieghu jirrigwarda s-smiegh tax-xhieda quddiem it-Tribunal li fl-ewwel numru ta' seduti nstemghu mill-Gudikant Dr. Joseph Saliba li sema' viva voce lill-attur u xhieda ohra mressqa minnu. Imbaghad it-Tribunal kellu gudikant iehor li seta' jiehu konjizzjoni ta' dawk ix-xhieda biss min-notamenti li kien ha il-gudikant precedenti. Infatti t-tieni gudikant sema' viva voce ix-xhieda tal-konvenut u xhieda ohra mressqa minnu biss, u dan seta' kien ta' pregudizzju ghall-appellant, stante li t-Tribunal ma setghax kellu stampa cara tal-verzjoni ta' l-attur f'din il-kawza, peress li ma kienx hu li sema' x-xhieda mressqa mill-attur, filwaqt li sema' biss viva voce ix-xhieda mressqa mill-konvenut.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt illi stante li t-Tribunal ma semghax viva voce x-xhieda ta' l-attur, allura jfisser li ma hax konjizzjoni tal-fatti li l-attur ma qabilx mal-brake marks kif immarkati fuq l-iskizz tal-pulizija. Madankollu it-Tribunal ibbaza s-sentenza tieghu propRjament fuq it-tul tal-brake marks ta' l-attur li minnhom wasal ghall-konkluzzjoni

dwar l-ispeed li bih kien miexi l-attur. Konsegwentement it-Tribunal iddecieda erronjament li l-incident in kwistjoni kien unikament tort ta' l-attur.

Fit-tielet lok l-appellant jissottometti li t-Tribunal ma setghax jasal ghall-konkluzzjoni li huwa kien ikkontradica ruhu meta waqt ix-xhieda tieghu huwa qal li ma kienx jaf b'liema velocita' kien miexi l-konvenut u li dan kien qed isuq kwazi bl-istess velocita' tieghu. Din mhix kontradizzjoni izda l-attur semplicement ma setghax jaghti figura dwar il-velocita' li biha kien miexi l-konvenut, izda spjega li dan kien qieghed isuq kwazi bl-istess velocita' tieghu. Ghal darb'ohra l-appellant jissottometti li dan kien dovut ghall-fatt li t-Tribunal seta' wasal ghall-konkluzzjoni ghax ma semghax ix-xhieda ta' l-attur viva voce izda ha s-sostanza taghha min-notamenti li saru mill-gudikant precedenti.

Illi qabel xejn hemm pregudizzjali li trid tigi deciza u li huwa propRju minhabba fiha li giet deskritta brevement s-sustanza ta' l-aggravji ta' l-appell. Il-pregudizzjali tirrizolvi ruhha fl-appellabilita' o meno, cioe', f'irritwalita' ta' l-appell odjern, ghaliex kif huwa risaput, l-Att V ta' l-1995 li ikkreja l-Istitut tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar u li jaghti d-dritt ta' l-appell, ma jaghtihx dejjem u f'kull kaz, imma jillimitah ghal certi kazijiet biss li din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet precedenti kellha opportunita' titkellem fuqhom.

Hawn certament non si tratta ta' gurisdizzjoni ta' xi kwistjoni rigwardanti l-gurisdizzjoni tat-Tribunal, jew fuq xi kwistjoni ta' preskrizzjoni. Jibqa' ghalhekk biss il-kwistjoni jekk l-appell hux ibbazat fuq allegat nuqqas ta' tharis ta' disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 (2) ta' l-istess Att, jew inkella jekk hemmx allegazzjoni li t-Tribunal, b'mod gravi, mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni ppregudikatx il-jeddijiet ta' min appella.

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa mportanti illi d-disposizzjonijiet ta' l-Att V ta' l-1995 li jillimitaw id-dritt ta' appell ma jigux estizi indebitament kontra l-volonta' tal-legislatur. Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghal ezami akkurat tas-sustanza ta' l-appell biex jigi konsidrat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta' appellabilita' previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f'dawn il-parametri, allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li tiddikjara l-istess appell bhala irritu u null.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-lanjanza ta' l-appellant essenzjalment tirrizolvi ruhha fl-allegazzjoni li minhabba illi t-tieni gudikant li ppresjeda t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Ghawdex) ma semghax mill-gdid ta' l-attur u dawk prodotti minnu, imma sema' biss ix-xhieda tal-konvenut u dawk prodotti minnu, necessarjament ibbaza ruhu fuq in-notamenti tal-

predecessur tieghu, u kwantu jirrigwarda t-testimonjanzi l-ohra mismugha viva voce mill-ewwel gudikant. Fuq dan biss jibbaza ruhu l-aggravju ta' l-appell fis-sens li s-sottomissjonijiet l-ohra huma kollha dwar apprezzament ta' fatt bazati dejjem fuq l-argument principali li ghadu kif issemma'. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-allegazzjoni illi t-tieni gudikant, cioe' l-Avukat Grazio Mercieca li, effettivament imbaghad iddecieda l-kaz, ma setghax japprezza sew il-provi migjuba ghaliex ma semghax parti mix-xhieda hu, u bbaza ruhu fuq in-noti tal-predecessur tieghu, hija cioe' tammonta ghal asserzjoni gratuita li m'hijiex provata. Infatti ma hemm xejn x'jindika la mill-atti processwali, kif lanqas mill-korp tad-decizjoni appellata, illi l-fatt illi parti mill-provi li nstemghat mill-gudikant precedenti ippregudika talment id-drittijiet ta' l-appellant fi prim'istanza billi it-tieni gudikant bilfors kien menomat f'dik li hija imparzjalita' jew anke ekwita'. M'hemm xejn x'jindika dan. Jidher invece li t-tieni gudikant ghamel apprezzament abbastanza profond tal-provi u li ma hemmx xejn x'jindika li f'dan l-apprezzament kien menomat mill-fatt li parti mix-xhieda kienet instemghet mill-predecessur tieghu.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tilqa' l-ewwel pregudizzjali sollevata mill-konvenut appellat, u konsegwentement tiddikjara l-appell odjern bhala irritu u null u ghalhekk ma tiehux aktar konjizzjoni tieghu. L-ispejjez ta' prim'istanza ovvjament

jibqghu kif inhuma, mentri dawk ta' dan l-appell ikunu a kariku ta' l-appellant.

Dep/Reg

mm